MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 641/1992/2

**Emanuel Delicata u George Delicata bhala direttur in rapprezentanza ta' Dielja Co Ltd u b'digriet tas-26 ta' Jannar 2006 M.D Properties Limited giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza minflok Dielja Co Ltd**

**Vs**

**Joseph Psaila, Anthony Cachia u Carol Calleja f'isimhom proprju u bhala president, segretarju u tezorier rispettivament tan-Neptunes Waterpolo Club in rapprezentanza tal-istess Club**

Din hi kawza li tittratta dwar ilment tal-atturi dwar boiler li kien jitqieghed fil-waterpolo klabb tan-Neptune's u l-inkonvenjent li kien ser johloq ghall-proprjeta tal-atturi minhabba d-duhhan li johrog bl-uzu tal-boiler. Ghalhekk talbu :-

1. Dikjarazzjoni li l-impjant jikkaguna molestja lill-atturi.

2. Il-konvenuti nomine jigu mwaqqfa milli jkomplu mix-xoghol ta' tqeghid tal-boiler.

Il-konvenuti nomine wiegbu li :-
1. Il-konvenuti fil-vesti personali taghhom m'humiex responsabbli.
2. Ic-cumnija mhux ser tkun ta' inkonvenjent ghall-atturi.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2012 l-atturi pprezentaw nota ta' cessjoni, b'dan li rrizervaw id-dritt fuq il-kap tal-ispejjez. Jidher li c-cumnija oggett tal-kawza tnehhiet, pero ma jirrizultax li sar hekk ghaliex il-konvenuti kienu rrikonoxxew li kienet qeghda tohloq molestja gravi lill-atturi.
F'rapport imhejji mill-Professur Alfred Vella, nomina mill-qorti b'digriet li nghata fl-10 ta' Ottubru 2011, irrelata li :-
i. Ma jistennix li d-duhhan mic-cumnija ghandu *'potenzjal li jirreka hsara sinifikanti fuq is-sahha ta' residenti fl-appartamenti.'*.
ii. *'il-potenzjal ghall-hsara fuq il-fabric tal-bini ukoll hija mistennija tkun negligibbli.'*.
iii. Ikkonkluda li kien tal-fehma li *'….. l-emissjonijiet ta' air pollutants mic-cumnija kkawzati mill-hruq ta' fuels fil-boilers tan-Neptune Water Polo Sports Club, liema tniggiz ghandu potenzjal li jaghmel dannu lis-sahha tar-residenti li joqghodu fl-appartamenti tal-atturi fi Triq il-Kbira f'San Giljan, f'dan il-kaz mhux qeghdin jifformaw f'ammont sufficjenti sabiex ikunu jistghu jirrekaw dannu sinifikanti lis-sahha tan-nies li joqghodu fl-appartamenti'*, u *'t-tniggiz aciduz li johrog mic-cuminja u li jista jikkawza dannu lill-fabric tal-bini tal-proprjeta tal-atturi ukoll mhux qieghed jigi fformat f'ammonti sufficjenti sabiex ikun jista' jaghmel dannu sinifikanti f'dan il-bini.'*.
Fit-twegibiet li ta in eskussjoni (ara nota prezentata fis-16 ta' Dicembru 2010), kompla jsahhah il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom fir-rapport li pprezenta. L-ilment tal-atturi kien li t-tqeghid tal-impjant kien ser iwassal ghal *'inkonvenjent kbir u periklu ghas-sahha tan-nies li joqghodu fl-appartamenti u jkun ta' pregudizzju serju ghall-esponenti bhala sidien ta' dak il-bini minhabba il-hsara fil-bini, l-isfrattu tal-kirjiet, u d-deprezzament fil-valur tal-bini li ser jigi kkagunat.'*.

Wara li l-qorti rat l-atti kollha inkluz ir-relazzjoni tal-perit legali Dr Stephen Farrugia Sacco, tal-Professur Alfred Vella u deposizzjoni ta' dawk li xehedu, m'hijiex tal-fehma li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova sodisfacenti li c-cumnija meritu tal-kawza kienet qeghda tikkawza molestja gravi b'riferenza ghall-inkonvenjenti li minnhom kienu qeghdin jilmentaw l-atturi. F'dawn ic-cirkostanzi m'hijiex tal-fehma li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda:-**

**1. Tastjeni milli taghti decizjoni dwar it-talbiet fil-meritu.**

**2. Tiddikjara li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------